*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,744, 3 ta' Mejju, 2011*

*Taqsima B*

**A.L. 165 tal-2011**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (KAP. 449)

## ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

### Regolamenti ta' l-2011 dwar it-Tbiċċir ta' Lagomorfi għall-Konsum tal-Bniedem

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u bl-artikolu (1) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, u l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 dwar it-Tbiċċir ta' Lagomorfi għall-Konsum tal-Bniedem. Titolu u skop.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa biex jimplementa miżuri nazzjonali fuq it-tbiċċir ta' lagomorfi għall-konsum tal-bniedem.

(3) Dawn ir-regolamenti qegħdin jiġu pubblikati wkoll skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:- Tifsir.

"fond" tfisser kull impjant fejn isir it-tbiċċir jew it-tqattigħ;

"Dipartiment" tfisser id-Dipartiment responsabbli mis-servizzi veterinarji;

"karkassa" tfisser il-ħisem tal-lagomorfu wara t-tbiċċir u t-tlestija;

“lagomorfu” tfisser fniek, liebri u annimali gerriema;

“laħam frisk” tfisser laħam li ma jkunx għadda minn xi proċess ta’ preservazzjoni ieħor għajr it-tkessieħ, l-iffriżar jew l-iffriżar ta’ malajr, inkluż laħam li jkun ippakkjat bil-vakwu jew imgeżwer f’atmosfera kontrollata, u “laħam frisk tal-lagomorfu” għandha tiftiehem skond hekk;

“konsum domestiku privat” tfisser il-konsum tal-laħam tal-lagomorfu mill-produttur jew mill-familja tiegħu fil-qrib;

“konsumatur finali” tfisser il-konsumatur aħħari ta’ l-ikel li ma jużax l-ikel bħala parti minn xi ħidma jew attività fil-kummerċ tal-ikel;

“produttur” tfisser kull individwu li jżomm lagomorfi għat-tnissil jew għat- trobbija gbl-iskop ta’ tbiċċir għall-konsum tal-bniedem;

“produtturi fuq skala żgħira” tfisser produtturi fejn fir-razzett tagħhom jittrabbew 50 fenka għat-trobbija jew inqas;

“razzett” tfisser kull sit fejn jitkabbru u jitrabbew il-lagomorfi għall-konsum tal-bniedem;

“Regolament 852” tfisser ir-Regolament (KE) 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar l-iġjene ta’ l-ikel u kull emenda sussegwenti tiegħu;

“Regolament 853” tfisser ir-Regolament (KE) 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi ta’ l-iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali u kull emenda sussegwenti tiegħu;

“stabbiliment lokali li jbigħ bl-imnut” tfisser stabbiliment li jbigħ laħam tal-lagomorfu u preparazzjonijiet ta’ dak il-laħam direttament lill-konsumaturi finali, hekk li dak l-istabbiliment ikun immarkat ċar bħala tali;

“tlestija” tfisser it-tneħħija tal-ġilda u l-interjuri iżda hekk li jistgħu jinżammu l-ilsien, il-pulmun, qalb, fwied, kliewi u testikoli.

Rziezet għat-tnissil jew għat-trobbija.

**3.** Kull razzett għat-tnissil jew għat-trobbija tal-lagomorfi għall-konsum tal-bniedem għandu jkun reġistrat taħt l-Att dwar

is-Servizzi Veterinarji, u għandu jkun konformi f'kull waqt ma' provvedimenti li jinħarġu minn żmien għal żmien mid-Dipartiment.

**4.** Ħadd m'għandu jbiċċer lagomorfu bil-ħsieb li jfornih għall-konsum tal-bniedem sakemm dak it-tbiċċir ma jsirx ġewwa fond approvat taħt l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, u jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 853.

Il-fondi fejn isir it-tbiċċir għandhom jiġu approvati.

**5.** (1) Id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 3 u 4 m'għandhomx japplikaw dwar produtturi fuq skala żgħira li jrabbu u jbiċċru lagomorfi għal provvista diretta lill-konsumatur finali jew lil stabbilimenti lokali li jbiegħu bl-imnut li jissupplixxu dan il-laħam direttament lill-konsumatur finali bħala laħam frisk.

Produtturi fuq skala żgħira.

(2) Dawk il-produtturi għandhom ikunu approvati taħt l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, u għandhom f'kull waqt ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 852 u mal-linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni dwar is-Sigurtà fl-Ikel kif pubblikati fil-Gazzetta minn żmien għal żmien.

**6.** Fondi li l-operazzjonijiet tagħhom jitwettqu bil-ħsieb li jiġu provvisti lagomorfi lil stabbilimenti oħra għandhom ikunu approvati taħt l-Att dwar Servizzi Veterinarji u jkunu konformi mar-Regolament 853.

Provvista li tingħata lil stabbilimenti.

**7.** (1) Kull karkassa tal-lagomorfu jew laħam frisk tal-lagormorfu espost għall-bejgħ, jew maħżun, f'xi stabbiliment lokali li jbigħ bl-imnut għandu jkollha fuqha f'kull waqt informazzjoni dwar it-traċċabilità ta' dak il-laħam.

Traċċabilità.

(2) Il-karkassi individwali kollha ta' lagomorfi mbiċċra fi stabbilimenti approvati skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandu jkollhom marka ta' identifikazzjoni kif deskritt fir-Regolament 853.

**8.** Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għat-tnissil, trobbija jew tbiċċir ta' lagomorfi għall-użu domestiku privat jew għall-preparazzjoni domestika, immaniġġar jew ħażna ta' laħam tal-lagomorfu għall-konsum domestiku privat personali.

Użu u konsum domestiku privat.

**9.** Kull persuna li tikser dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat kontra l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Reati.

**L.N. 165 of 2011**

**FOOD SAFETY ACT**
**(CAP. 449)**

**VETERINARY SERVICES ACT**
**(CAP. 437)**

**Slaughtering of Lagomorphs for Human Consumption Regulations, 2011**

IN exercise of the powers conferred by article 10 of the Food Safety Act and by article 10 (1) of the Veterinary Services Act, the Minister for Health, the Elderly and Community Care and the Minister for Resources and Rural Affairs have made the following regulations:-

Title and scope.

**1.** (1) The title of these regulations is the Slaughtering of Lagomorphs for Human Consumption Regulations, 2011.

(2) The scope of these regulations is to implement national measures with respect to the slaughtering of lagomorphs for human consumption.

(3) These regulations are being published also in accordance with Article 1 (4) of Regulation 853/2004 of the European Parliament and the Council of 29 April 2004.

Interpretation.

**2.** In these regulations, unless the context otherwise requires:

"carcass" means the body of a lagomorph after slaughter and dressing;

"Department" means the Department responsible for veterinary services;

"dressing" means the removal of the skin and viscera but with the possible retention of the tongue, lungs, heart, liver, kidneys and testicles;

"final consumer" means the ultimate consumer of a foodstuff who will not use the food as part of any food business operation or activity;

"fresh meat" means meat that has not undergone any preserving process other than chilling, freezing or quick-freezing, including meat that is vacuum-wrapped or wrapped in a controlled atmosphere, and "fresh lagomorph meat" shall be construed accordingly;

"holding" means any site where breeding and rearing of lagomorphs for human consumption takes place;

"lagomorph" means rabbits, hares and rodents;`

"local retail establishments" means an establishment that sells lagomorph meat and meat preparations directly to the final consumers, which establishment shall be clearly marked as such;

"premises" means any slaughtering plant or cutting unit;

"private domestic consumption" means the consumption of lagomorph meat by the producer or his immediate family;

"producer" means any individual breeding or rearing lagomorphs for the purpose of slaughtering for human consumption;

"Regulation 852" means Regulation (EC) 852/2004 of the European Parliament and the Council of 29 April 2004 on the hygiene of foodstuffs and subsequent amendments;

"Regulation 853" means Regulation (EC) 853/2004 of the European Parliament and the Council of 29 April 2004 laying down specific hygiene rules for food of animal origin and subsequent amendments;

"small-scale producers" means producers whose holding rears 50 breeding does or less.

Breeding or rearing premises.

**3.** Any holding breeding or rearing lagomorphs for human consumption shall be registered under the Veterinary Services Act, and shall comply at all times with provisions as issued by the Department from time to time.

Slaughtering premises to be approved.

**4.** No person shall slaughter any lagomorph with the intention for supply for human consumption unless such slaughtering is carried out in a premises approved under the Veterinary Services Act and in compliance with the provisions of Regulation 853.

Small-scale producers.

**5.** (1) The provisions of regulations 3 and 4 shall not apply in relation to small-scale producers rearing and slaughtering lagomorphs for direct supply to the final consumer or to local retail establishments directly supplying such meat to the final consumer as fresh meat.

(2) Such producers shall be approved under the Food Safety Act and shall comply at all times with the provisions of Regulation 852 and with guidelines issued by the Food Safety Commission as published in the Gazette from time to time.

Supply to establishments.

**6.** Premises whose operations are carried out with a view to the supply of lagomorphs to other establishments shall be approved under the Veterinary Services Act and in compliance with Regulation 853.

Traceability.

**7.** (1) Any lagomorph carcass or fresh lagomorph meat exposed for sale, or stored, in any retail establishment shall bear information concerning the traceability of such meat,

(2) All individual carcasses of lagomorphs slaughtered in establishments approved in line with regulation 4 of these regulations shall bear an identification mark as described in Regulation 853.

Private domestic use and consumption.

**8.** These regulations shall not apply in relation to the breeding, rearing or slaughter of lagomorphs for private domestic use or the domestic preparation, handling or storage of lagomorph meat for personal private domestic consumption.

Offences.

**9.** Any person who contravenes these regulations shall be guilty of an offence against the Food Safety Act and the Veterinary Services Act.